# 11 IL-MEWTA TA’ SWOR FAWSTINA



Is-sorijiet l-ohra li kienu jzuruha fl-isptar kienu jinnutaw il-ferh jiddi fiha. Swor Serafina Kukulska tiftakar li dejjem kienet issibha fuq taghha, anke ferhana, imma Swor Fawstina qatt ma zvelat is-sigriet tal-ferh taghha. Kienet ferhana gewwa Prądnik u qatt ma gergret li kienet qed issofri. It-tobba, l-infermiera u l-pazjenti kienu lkoll juru tjubija maghha.

Swor Felicja Żakowiecka  kienet izurha darbtejn fil-gimgha u waqt dawn il-vizti kienet titkellem mat-tabib  Adam Sielberg  fuq il-kondizzjoni ta’ sahhet Swor Fawstina. It-tabib qalilha li kienet hazina hafna.  Is-soru kienet sorpriza li t-tabib kien jaghtih permess li tmur il-quddies minkejja il-kondizzjoni hazina taghha. Qalilha li ghall-kondizjoni taghha ma kienx hemm kura ghaliha. Ohrajn fl-istat taghha anqas kienu biss iqumu. Imma din kienet soru straordinarja. Kien jilmahha izzomm mal-hajt biex tasal sal-kappella.

Sahhitha kienet dejjem tmur lura u z-zmien taghha fuq l-art kien qed joqrob. Gharfet dan u f'Awissu tas-sena 1938 kitbet li Madre Generali Michaela Moraczewska: "Ghaziza Reverenda Madre. Qed inhoss li dan hu l-ahhar cans li nitkellmu. Inhossni hafna u hafna dghajfa u qed niktiblek b'id imrieghda. Qed insofri kemm nista'. Gesu' jitlob li ahna ma nsofrux aktar milli nifilhu. Il-grazzja ta' Alla hija kbira daqs kemm hi s-sofferenza. Jiena nafda totalment f'Alla u r-Rieda mqaddsa tieghu. Ix-xewqa tieghi li mmur niltaqa ma' Alla hija kbira. Il-mewt ma tbezzaghnix, ruhi tghum fil-paci."

Hija tkompli tirringrazzja li Madre Generali u lill-Kongregazzjoni ghal dak kollu li ghamlu maghha u talbet mahfra ghan-nuqqasijiet kontra r-regola, talbet lil ahwa fil-kongregazzjoni li juru maghha mhabba, jitolbu ghaliha u jbierkuha fis-siegha ta' mewtha.

Hija kkonkludiet l-ittra taghha b'dawn il-kelmiet: *Sahha, Ghaziza Madre, ahna naraw lil xulxin f'riglejn it-tron ta' Alla. U issa tkun imfahhra l-Hniena Divina li Alla xerred fuqna u permezz taghna.*

Kien fl-isptar ta' Prądnik li hija tkellmet ghal ahhar darba mad-direttur spiritwali taghha Padre Sopoćko li kien gewwa Krakovja fil-bidu ta' Settembru tas-sena 1938. Kellu l-opportunita' li jaghmel zjara lil din il-penitenta tieghu straordinarja qabel mietet u jisma' minghandha l-istruzzjonijiet diretti dwar ix-xoghol tal-Hniena Divina li Gesu' kien beda' bis-sahha tal-hidma ta' din is-soru.

Swor Fawstina qaltlu li kellu jaghti attenzjoni ewlenija biex titwaqqaf il-festa tal-Hniena Divina fil-Knisja u ma kellux ghax jinkwieta fuq il-kongregazzjoni l-gdida u li kellu jara sinjali li jgharrfuh kif ghandu jimxi dwar din il-materja tal-kongregazzjoni. Qaltlu li kienet daqt tmut u temmet dak kollu li kellha tikteb. Wara li sellem lil Swor Fawstina huwa halla l-kamra, imma fi triqtu 'l barra ftakar li ma kienx hallielha il-kotba

bit-talb lill- Hniena Divina li Gesu' kien taha. Meta huwa rega' mar lura u dahal fil-kamra ra maqtugha f'estasi u mitlufa fit-talb. Ghajnejha kienu mitfuha fuq xi haga li ma kienitx tidher. "Ghal xi hin ma tatx kaz tieghi u jiena ma ridtx niddisturbaha u hsibt li nitlaq, izda malajr giet f''taghha u skuzat ruhha li ma semghitx it-tahbita tieghi fuq il-bieb. Tajtha it-talb u sellimtilha u qaltli: " Narak fis-sema." L-ahhar darba li rajtha kien fis-26 ta' Settembru gewwa l-kunvent ta' Łagiewniki; ma ridtx tkellimni jew forsi ma setghitx taghmel dan billi kienet f'kommunjoni ma' Alla l-Missier.  Tassew li kienet bniedma sopranaturali. Ma kelli ebda dubju dwar dak li kitbet fid-djarju taghha fuq l-Ewkaristija li anglu mis-sema kien jigi u jammistralha s-Sagrament fl-isptar."

Meta rritornat mill-isptar fis-17 ta' Settembru tas-sena 1938, Swor Fawstina sabet ruhha fil-kamra tal-morda fil-kunvent u stenniet hemm sal-mument li thalli lid-dinja ghal ghand il-Missier tas-sema. Is-sorijiet kienu jghassu maghha hdejn sodditha, skont ma kien imisshom. Madre Irena Krzyżanowska kienet thobb izzurha hemm u osservat kemm kienet kalma Swor Fawstina u x'karizma kellu fuqha. It-tensjoni li kellha fuqha biex itemm dak li ordnalha l-Mulej, issa ghebet. "Ser ikun hemm il-festa tal Hniena Divina, qed naraha, kull irrid hu li naghmel ir-rieda ta' Alla." Staqsietha ukoll jekk kienitx ferhana u kuntenta li ser tmut fil-Kongregazzjoni taghhom u hija wiegbet: "Iva. Ghad tara li l-Kongregazzjoni tkun konsolata minni."

Ftit qabel ma mietet hija qamet bil-qieghda fuq sodditha u talbet lill-Madre Superjura li tersaq lejha. Imbaghad qaltilha: " Gesu' jrid jghollini u jaghmilni qaddisa." Osservajt serjeta'  profonda u hassejt li xi haga mhux tas-soltu  tghidli li Swor Fawstina hadet din l-assigurazzjoni bhala

don mill-Hniena Divina minghajr ebda suppervja," irrakontat Madre Irena.

Wara nofsinhar tal-jum tal-5 ta' Ottubru tas-sena 1938, Fr. Andrasz wasal fil-kunvent u ghal l-ahhar darba ta l-assoluzzjoni lil Swor Fawstina u amministralha is-Sagrament tal-Morda. Dak in-nhar waqt il-hin tac-cena instemghet qampiena. Is-sorijiet li kien fir-refetorju ilkoll qamu minn madwar il-mejda u telghu fuq fejn Swor Fawstina . Ma' gemb sodditha kien hemm il-kappillan Fr Teodor Czaputa u l-madre Irena Krzyżanowska filwaqt li l-bqija tas-sorijiet kien jistennew fil-kuridur. Is-sorijiet qalu it-talb ta' l-agonizzanti.  Swor Fawstina qalet lill-Madre Superjura li ma kienitx ser tmut ghalissa. Is-sorijiet nizlu isfel ghas-servizz ta' filghaxija.

Swor Eufemia Traczyńska, soru zaghzugha fil-postulat taghha semghet lil Swor Amelia Socha tghid li Swor Fawstina kellha tkun qaddisa. Swor Eufemia riedet tara kif imutu l-qaddisin imma ma setghetx tkun taf jekk kienx ser ikollha l-permess biex tattendi mewta ta' soru li kienet marida bit-tuberkolosi.

Hija talbet lil erwieh tal-purgatoju biex iqajmuha meta jasal il-hin li hija tkun ser tmut.

Tirrakonta Swor Eufemia li marret torqod fil-hin tas-soltu u malajr dahlet fin-nghas. F'daqqa wahda xi hadd qajjimni u smajt lehen jghidli: " Swor jekk trid tkun hdejn Swor Fawstina meta tmur qum issa." Mill-ewwel indunajt li kien zball. Is-soru li giet tqajjem lil Swor Amelia zbaljat ic-cella u qajment lili minflok. Jiena qajjimt li Swor Amelia, ilbist, u mort girja wahda lejn il-kamra fejn kienet rekoverata Swor Fawstina. Swor Amelia waslet warajja. Il-hin kien madwar il-hdax ta' bil-lejl. Meta wasalna, Swor Fawstina bhal fethet ghajnejha u tatni tbissima dghajfa u baxxiet rasha u....Swor Amelia qalet li probabilment kienet ghadha kif

mietet. Jiena tajt harsa lil Swor Amelja imma ma ghidt xejn. Komplejna nitolbu. Ix-xema baqghet tixghel.

Il-funeral sar fis-7 ta’ Ottubru, fil-jum tal-Festa tar-Ruzarju. Mhux biss is-sorijiet izda nies ohra gew fil-kripta fejn kien hemm it-tebut ta’ Swor Fawstina biex jitolbu. Wiehed minn dawk kien Janek, bniedem li jinghad li ma baqghax jipprattika r-religjon kattolika. Huwa baqa’ hdejn it-tebut ta’ Swor Fawstina u beka’ u tant halliet impressjoni fuqu li wara l-funeral ikkonverta.

Persuna ohra, Jazida, bniedma ghamja, stqarret l-esperjenzi taghha mhux tas-soltu. Fr. Władysław Wojtoń SJ attenda l-funeral taghha flimkien ma’ zewg sacerdoti ohra u mexxa’ ic-ceremonja funebri. Is-sorijiet infushom garrew it-tebut ta’ ohtom Swor Fawstina lejn ic-cimiterju tal- kommunita’.

Swor Fawstina marret tinghaqad mal-Mulej u kantat innu ta’ unur f’gieh il-Hniena bla tarf Tieghu. Hija halliet weghda lid-dinja li ma tinsiha qatt. *“ U meta noqgħod quddiem it-tron Tiegħek, l-ewwel innu li nkantalek ikun wieħed lill-ħniena Tiegħek. Dinja msejkna, minix sejra ninsiek. Għalkemm jiena nħoss li malajr ser negħreq f’Alla bħallikieku f’oċejan ta’ hena, dan ma jżommnix milli nerġa’ lura fid-dinja sabiex nagħmel il-kuraġġ lill-erwieħ u nħeġġiġhom sabiex jafdaw fil-ħniena ta’ Alla. Fil-fatt din l-immersjoni tiegħi f’Alla tagħtini l-possibilita’ li naħdem kemm u kif irrid.” (Djarju 1582)*